MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 683/2006

**Konkors ta' Kredituri tas-socjeta` *JM Group Limited* (C – 22268) kif rapprezentati mill-Avukat Dottor Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonnici nominati bhala kruaturi deputati skont id-digriet tas-17 ta' Awwissu, 2006**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) datat is-26 ta' Lulju, 2006, fejn gie sintetikament espost is-segwenti:

1.1 Illi flimkien mar-rikors datat l-20 ta' Frar, 2004, fl-atti tas-subbasta bin-numru 98/2003 fl-ismijiet indikati fir-rikors promotur fuq indikat, is-socjeta` *HSBC Bank Malta p.l.c.* iddepozitat b'cedola skont il-ligi garanzija bankarja fil-valur ta' mitt elf Lira Maltin, (LM100,000.00);

1.2 Illi s-socjeta` *JM Group Limited* hi debitrici tad-Direttur Generali rikorrenti fl-ammont ta' tnax –il elf, tmien mija u dsatax –il Lira Maltin, u tnejn u sebghin centezmu, (LM12,819.72), lilu dovuti bhala taxxa fuq il-valur mizjud, imghax u penali, kif ukoll bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament fil-percentagg ta' wiehed fil-mija, (1%), kull xahar;

1.3 Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti dovut lir-rikorrenti gie wkoll debitament rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata t-23 ta' Jannar, 2004;

1.4 Illi kif jirrizulta mir-rikors numru 636/04 fl-ismijiet premessi deciz fit-28 t'Ottubru, 2005, l-*HSBC Bank Malta p.l.c.*,*Camray Contractors Limited* minn issa 'l quddiem *Camray* u *Megaline (M&E) Ltd*. minn issa 'l quddiem *Megaline*, jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor fuq l-istess depozitu;

1.5 Illi ghaldaqstant, jitlob li din il-qorti:

1.5.1. Tordna l-ftuh ta' konkors ta' kredituri tas-socjeta` *JM Group Limited* fuq is-somma ta' mitt elf Lira Maltin, (LM100,000.00), hekk depozitati tramite l-garanzija bankarja pprezentata mill-*HSBC Bank Malta p.l.c.* fic-cedola appozita datata l-20 ta' Frar, 2004;

1.5.2. Illi dan l-ordni jkun ukoll skont kull provediment li jidhrilha xieraq;

2.0 Rat ir-rikors tas-socjetajiet *Camray* u *Megaline* datat l-14 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu sintetikament esponew is-segwenti:

2.1 Illi huma ghandhom interess jikkonkorru fil-konkors ta' kredituri in dizamina inizjat mid-Direttur Generali rikorrenti;

2.2 Illi s-socjeta` *Camray* irregistrat privilegg tas-somma lilha dovuta mis-socjeta` *JM Group Limited* fl-

ammont ta' hamsa u erbghin elf u disa' u tletin Lira Maltin, (LM45,039.00), fid-29 ta' Novembru, 2002;

2.3 Illi s-socjeta` *Megaline* irregistrat privilegg ghas-somma ta' sitt elef hames mija u disa' u erbghin Lira Maltin, (LM6,549.00), fit-18 ta' Dicembru, 2002;

2.4 Illi a bazi tal-istess l-imsemmija zewgt (2) socjetajiet jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor fuq il-garanzija bankarja fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel);

2.5 Illi ghaldaqstant qed jitolbu li:

2.5.1.Jigu ammessi fil-lista tal-kredituri *de quo*;

2.5.2.Jigu pregradwati fuq il-krediti l-ohra;

3.Rat ir-risposta tal-abbli kuraturi deputati fuq riferiti datata l-14 ta' Frar, 2007, li permezz taghha semplicement esponew li qed jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju tal-qorti, (ara fol 37);

4.0.Rat ir-risposta ulterjuri tal-abbli kuraturi deputati fuq riferiti datata t-2 t'April, 2007, li permezz taghha wiegbu s-segwenti: (ara fol 39)

4.1 Illi sad-data indikata fl-istess risposta kienu ghadhom ma irrintraccawx lill-assenti;

4.2 Illi kienu qed jirrimettu ruhhom ghar-rikors tas-socjetajiet *Camray* u *Megaline*;

5.0 Rat ir-rikors tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* datat is-16 ta' Mejju, 2008, li ghar-ragunijiet hemm esposti informa lill-qorti li: (ara fol 42)

5.1 Ghandu interess jikkonkorri fil-konkors ta' kredituri in dizamina;

5.2 Qed jitlob li jigi anness fil-lista tal-kredituri;

5.3 Illi l-krediti tieghu jigu pregradwati fuq krediti ohra;

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-16 t’April, 2008, iddekretat li r-rikors promotur kien ghas-smiegh, (ara fol 186);

7.0 Rat ir-rikors tas-socjetajiet *Camray* u *Megaline* datat id-19 t’Awwissu, 2008, fejn sintetikament issollevaw is-segwenti:

7.1 Illi l-procedura odjerna kienet inizjata b’rikors datat is-27 ta’ Lulju, 2006, (ara fol 188), *recte* is-26 ta’ Lulju, 2006, (ara fol 1 u 2);

7.2 Illi l-*HSBC Malta p.l.c.* irregistra l-interess tieghu tardivament, (ara fol 42 u 188);

7.3 Illi id-digriet datat is-16 t’April, 2008, (ara fol 186), il-qorti odjerna diversament preseduta iddekretat li l-konkors odjern kien maghluq u ghaddiet biex tisma’ l-provi (ara fol 186);

7.4 Illi ghaldaqstant talbu li l-qorti:

7.4.1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-16 t’April, 2007, (*recte* 2008);

7.4.2. Tordna li process tal-konkors tal-kredituri ghandu jkollu biss tlett (3) konkorrenti, senjatament is-socjetajiet *Camray*, *Megaline* u d-Direttur Generali rikorrenti, (ara fol 189);

8. Rat ir-risposta tad-Direttur Generali rikorrenti datata t-23 ta’ Settembru, 2008, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati esprima l-konvergenza tieghu mat-talbiet indikati fil-paragrafu precedenti, (ara fol 192);

*9.* Rat ir-risposta tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* datata t-22 t’Ottubru, 2008, li ghar-ragunijiet kopjuzi hemm indikati issottomettiet li r-rikors tad-19 t’Awwissu, 2008 fuq riferit ghandu jigi respint bl-ispejjez, (ara fol 200);

10. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta’ Novembru, 2008, li permezz tieghu cahdet it-talba ghall-estromissjoni tal-bank *de quo* imhabba t-tardivita` sollevata, (ara fol 208);

11. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-19 ta’ Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju, (ara fol 264);

12. Rat id-digriet taghha datat it-8 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament fil-pussess tal-assistent gudizzjarju jigi ritornat fl-atti tal-procedura biex il-kawza tkun tista’ titkompla, (ara fol 287);

13. Rat in-nota tar-Registratur koncernat datata t-30 ta’ Dicembru, 2011, li permezz taghha annetta l-inkartament in dizamina precedentement fil-pussess tal-assistent gudizzjarju, (ara fol 289);

14. Rat id-digriet taghha datat l-4 t’Ottubru, 2012, li permezz tieghu, fuq talba tal-partijiet, hatret perit legali biex jirrelata dwar il-konkors ta’ kredituri in dizamina, (ara fol 405);

15. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Direttur Generali rikorrenti datata d-9 t’April, 2013, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, issottometta li l-ammont minnu pretiz ghandu jippregradwa dak ta’ kull rikorrent iehor, (ara fol 409);

16. Rat ir-relazzjoni tal-perit legali precedentement riferit datata s-26 ta’ Gunju, 2013, (ara fol 412);

17. Rat id-digriet taghha datat il-31 t’Ottubru, 2013, li fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tal-bank rikorrenti fuq riferit, awtorizzat li t-trattazzjoni *de quo* ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 429);

18. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Direttur Generali rikorenti datata d-29 ta’ Novembru, 2013, (ara fol 431);

19. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjetajiet *Camray* u *Megaline* datata t-28 ta’ Novembru, 2013, (ara fol 433);

20. Rat in-nota ta’ kritika tas-socjeta` *HSBC Bank Malta p.l.c.* datata l-31 t’Ottubru, 2013, (ara fol 435);

Ikkunsidrat:

21. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda konkors ta’ kredituri inizjat wara rikors appozitu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), datat is-26 ta’ Lulju, 2006, (ara fol 1);

22. Illi l-*HSBC Bank Malta p.l.c*. iddepozita mitejn u tnejn u tlein elf, disa’ mija u seba’ u tlein Ewro u erba’ u tletin centezmu, (€232,937.34);

23. Illi s-socjeta` debitrici koncernata hi *JM Group Limited* u ghandha debitu ta’ tnax –il elf tmien mija u dsatax –il Ewro u tnejn u sebghin centezmu, (LM12,819.72), f’taxxa fuq il-valur mizjud, imghax u penalitajiet inkluz ukoll spejjez u imghax ta’ wiehed fil-mija, (1%), fix-xahar sad-data tal-effettiv pagament, liema ammont gie rez ezegwibbli bhala titolu ezekuttiv permezz t’ittra ufficcjali datata t-23 ta’ Jannar, 2004;

24. Illi s-socjetajiet *HSBC*, *Camray* u *Megaline* fuq indikati jippretendu jeddijiet superjuri fil-konkors *de quo* fuq id-depozitu fuq riferit;

25.0. Illi l-konkorrenti fuq riferiti qed jallegaw li ghandhom is-segwenti krediti fil-konfront tas-socjeta` *JM Group Limited*:

25.1 Id-Direttur Generali rikorrenti: Disgha u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€29,861.91), oltre spejjez u imghax fuq gia` riferit;

25.2 *Camray*: Mija u erbat elef, disgha mija u tnax –il Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€104,912.65), allegatament pregradwat *a tenur* ta’ privilegg specjali 18086/2002 registrat fid-29 ta’ Novembru, 2002;

25.3 *Megaline*: Hmistax –il elf, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€15,255.06), allegatament pregradwat *a tenur* ta' privilegg specjali 19019/2002 registrat fit-18 ta' Dicembru, 2002;

25.4 *HSBC Bank Malta p.l.c.*: Zewg miljuni, erba' mija u tlieta u disghin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€2,493,463.85), allegatament pregradwat *a tenur* ta' privileggi u ipoteki specjali;

26.0. Illi rigward id-Direttur Generali rikorrenti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

26.1 Illi l-privilegg tieghu hu naxxenti mill-artiklu 62 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara fol 416);

26.2 Illi konsegwentement il-privilegg specjali tad-Direttur Generali *de quo* jigi ghalhekk qabel kull privilegg iehor, bl-eccezzjoni ghad-dejn imsemmi fl-artiklu 2009 (a) jew (b) tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet, senjatament:

26.2.1. Il-kreditu ta' min jiehu r-rahan, fuq il-haga li jkollu f'idejh b'titolu ta' rahan;

26.2.2. Il-kreditu ta' lukandier ghall-hlas ta' kumdita` u provvisti provduta, fuq il-hwejjeg tal-alloggjant u sa kemm dawn ikunu fil-lukanda jew dar tal-lukandier;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi l-Bank *de quo* issolleva l-kwistjoni jekk il-privilegg specjali naxxenti mill-artiklu 62 tal-Kap 406 fuq riferit favur id-Direttur Generali rikorrenti ghandux ikun ukoll registrat fir-Registru Pubbliku *ai termini* tal-artiklu 2009 tal-Kap 16 fuq riferit u f'dan il-kuntest ghandu sintetikament jinghad, anke fid-dawl tad-decizjonijiet riferiti mill-abbli perit legali fuq riferit li:

27.1 Kull min ikun f'pozizzjoni biex jiddeciedi li jaghti kreditu, ghandu jkollu l-possibilita` li jirricerka fir-Registru Pubbliku biex jara jekk id-debitur prospettiv tieghu ikunx

f'pozizzjoni li eventwalment jaghmel tajjeb ghad-dejn minnu konkluz biex il-kreditur ma jigix eventwalment sorpriz billi meta jigi l-waqt isib li l-kreditu tieghu ikun jinsab fl-ahhar *vagun tal-ferrovija*;

27.2 Illi ghalhekk din il-qorti qed taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali *de quo* li jirreferi ghal kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Crown Hotels Limited**, Prim'Awla, datata s-16 ta' Novembru, 2012, fejn stabbiliet li:

" … minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra"

Id-Direttur Generali Taxxa fuq il-Valur Mizjud mhux ezentat milli jirregistra l-privilegg specjali *ai termini* tal-artiklu 2009 tal-Kap 16 tal-Ligijiet fuq riferiti;

27.3 Illi ghaldaqstant din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tilqa' il-konkluzjoni tal-perit legali *de quo* fir-rigward, li ghar-ragunijiet fuq sintetikament esposti ikkonkluda li d-dejn dovut lid-Direttur Generali rikorrenti effettivament ma jgawdi mill-ebda preferenza fuq krediti ohra ta' konkorrenti, (ara fol 420);

Ikkunsidrat:

28.0. Illi rigward il-konkorrenti l-ohra in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1 Illi s-socjetajiet *Camray* u *Megaline* debitament irregistraw il-privilegg specjali taghhom skont il-ligi;

28.2 Illi l-Bank *de quo* jirrizulta li wkoll ghandu privilegg specjali naxxenti mir-registrazzjoni ta' erba' (4) noti appoziti, liema registrazzjoni wkoll ilkoll saru skont il-ligi, (ara fol 421);

28.3 Illi ghar-ragunijiet fuq esposti din il-qorti tikkonkorda wkoll mal-konkluzjoni peritali li ghalhekk, it-tlett (3) kredituri hawn elenkati qieghdin kollha fl-istess grad stante li l-privileggi minnhom vantati huma ilkoll naxxenti mill-artiklu 2010 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rigward il-kwistjoni tan-novazzjoni sollevata mid-Direttur Generali rikorrenti u mill-Bank *de quo* fil-konfront tal-*Camray* u l-*Megaline* sintetikament ghandu jinghad is-segwenti:

29.1 Illi fis-sentenza tal-Qorti Civili **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Avv. Martin Fenech nomine et** datata t-28 t'Ottubru, 2005, (ara fol 159), jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1.1 Illi s-socjetajiet hawn riferiti effettivament ghamlu ftehim mal-kumpanija debitrici *JM Group Limited* biex issir in-novazzjoni tal-kreditu taghhom kontra l-istess *Group* billi accettaw kreditu kontra s-socjeta` l-ohra hemm indikata;

29.1.2 Illi l-istess socjetajiet in dizamina accettaw pagament akkont tal-kreditu lilhom hekk dovut u dan, bil-kundizzjoni li l-ammont rimanenti jithallas lilhom minn din is-socjeta` sostituttiva hemm indikata, (ara wkoll fol 179);

Ikkunsidrat:

30. Illi in vista tal-ftehim pattwit indikat fil-paragrafu precedenti qed jigi allegat li allura l-istess jikkonsisti f'novazzjoni, istitut li *del resto* kif isostnu it-**Torrente u l-iSchlesinger fil-Manuale di Diritto Privato. Tediscesima Edizione** p.447:

" … e in contratto con il quale I soggetti du un rapporto obbligatorio sistitulscono un nuovo rapporto a quello originali";

Ikkunsidrat:

31. Illi nonostante iz-zewg paragrafi precedenti, (senjatament il-paragrafi 29 u 30 aktar qabel), is-socjetajiet *Camray* u *Megaline* jinsistu li effettivament, minkejja l-ftehim pattwit ma' socjeta` ohra rigwardanti l-kreditu taghhom mas-socjeta` originarjament debitrici ghalihom, ma kien hemm l-ebda novazzjoni kif allegat;

32.0. Illi dan in-nuqqas ta' tibdil istituzzjonali hu sintetikament minhabba s-segwenti ragunijiet:

32.1. Illi l-privileggi tal-istess socjetajiet ghadhom registrati stante li ma gewx kancellati mill-kreditur;

32.2. Illi jirrizulta li ma saru l-ebda proceduri minn xi kreditur iehor jew mid-debitur biex l-istess jigu kancellati;

32.3. Illi kull ma jidher li kien hemm wara l-kuntratt ta' sostituzzjoni in dizamina kien biss dikjarazzjoni unilaterali tas-socjeta` *JM Group Limited*, u mhux ftehim kif allegat;

32.4. Illi dikjarazzjoni simili ma tistax torbot lill-kredituri;

32.5. Illi ssir referenza ghall-artiklu 1181 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"It-tismija wahida, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx novazzjoni";

32.6. Illi *di piu`*, l-artiklu 1183 tal-istess Kap 16 fuq indikat jghid:

"Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkun iddikjara

espressament il-volonta` tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni";

32.7. Illi finalment jirrizulta assodat mill-provi analizzati in atti li ma giet ipprezentata l-ebda dikjarazzjoni espressa tal-volonta` tal-kredituri li jehilsu lid-debitur;

Ikkunsidrat:

33. Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddikjara li qed tistrieh fuq ir-rizultanzi minnha ezaminati dettaljatament u fuq ir-rezakont tal-perit legali fuq riferit u tiddikjara wkoll li allura qed taghmel taghha wkoll il-konkluzjonijiet tal-istess perit legali;

**DECIDE:**

34.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess:

34.1. Tirrespingi t-talba tad-Direttur Generali rikorrenti biex jigi pre-gradwat kif minnu sostenut fir-rikors tieghu promotur u dan, stante li naqas li jirregistra l-allegat privilegg tieghu *ai termini* tal-artiklu 2029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

34.2. Tirrespingi l-kontestazzjoni, kemm tal-istess Direttur Generali indikat fil-paragrafu precedenti, u tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* rigwardanti l-privilegg specjali registrat mis-socjetajiet *Camray* u *Megaline* fuq riferiti, stante li tali kontestazzjoni mhix legalment fondata u li konsegwentement:

34.2.1. Tiddikjara li l-istess krediti vantati mis-socjetajiet *Camray* u *Megaline* ghadhom kemm veljanti u privileggjati;

34.3. Illi l-gradwazzjoni tal-krediti tal-konkorrenti in dizamina ghandha tkun bil-mod segwenti:

34.3.1**. L-Ewwel Grad**:

34.3.1.1 *HSBC Bank Malta p.l.c.* sas-somma ta' disa' mija u tnejn u erbghin elf, sitt mija u wiehed u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu, (€942,671.69), oltre l-imghaxijiet dovuti;

34.3.1.2. *Camray Limited* sas-somma ta' mija u erbat elef, disgha mija u tnax –il elf u hamsa u sittin centezmu, (€104,912.65), oltre l-imghaxijiet dovuti;

34.3.1.3. *Megaline (M&E) Limited* sas-somma ta' hmistax –il elf, mitejn u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi, (€15,255.06), oltre l-imghaxijiet dovuti;

34.3.2. **It-tieni Grad**:

34.3.2.1. *HSBC Bank Malta p.l.c*. ghall-bilanc ta' miljun, hames mija u disgha u hamsin elf, seba' mija u tnejn u disghin Ewro u sittax –il centezmu, (€1,559,792.16) oltre l-imghaxijiet dovuti;

34.3.3. **It-tielet Grad**:

34.3.3.1. Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghal kwalunkwe bilanc li jista' jkun hemm sa disgha u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu, (€29,861.91), oltre l-imghaxijiet dovuti;

34.4. Illi l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jinqasmu fl-ammont ta' zewg terzi (2/3), kontra l-*HSBC Bank Malta p.l.c*. u r-rimanenti terz (1/3), ikun a karigu tas-socjetajiet *Camray* u *Megaline*, u tad-Direttur Generali rikorrenti f'porzjonijiet ugwali.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------